MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1393/1994/1

**John Sammut f'ismu proprju u għad-ditta JDS Furniture.**

**-vs-**

**Saviour Vella għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Bathroom Styles Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Ottubru, 1994 li permezz tagħha l-attur proprio et nomine ippremetta:

Illi b'kuntratt datat 8 ta' Awissu, 1993 l-attur proprio et nomine ġie kommissjonat mill-konvenut nomine jesegwixxi appalt konsistenti f'xogħlijiet fuq l-injam kif hemm aħjar deskritt u

versu l-prezz hemm pattwit;

Illi in kontemplazjoni tal-ammont pattwit inħarġu kambjali;

Illi l-kambjali għax-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru 1994 fl-ammont komplessiv ta' elfejn mitejn u ħamsin Lira Maltija (Lm2,250) ġew debitament preżentati għall-ħlas l-istess baqgħu ma ġewx imsarrfa;

Illi ai termini tal-preċitat ftehim u preċiżament klawsola tmienja (8) tiegħu l-konvenut nomine jiddekadi mill-benefiċju li jħallas b'rati jekk ikun moruż fil-pagament ta' żewġ skadenzi bil-konsegwenza li kull bilanċ ikun immedjatament dovut;

Illi l-konvenut nomine baqalu jħallas ukoll tliet kambjali oħra relattivament għall-iskadenzi ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 1994 ukoll ammontanti għall-elfejn mitejn u ħamsin Lira Maltija (Lm2,250);

Illi l-attur proprio et nomine huwa wkoll intitolat għall-ammont addizzjonali ta' erbat elef ħames mija u tmienja u sebgħin Lira Maltija u sitta u għoxrin ċenteżmi (Lm4,578.26) għal xogħlijiet *extra* kommissjonati mill-attur nomine waqt il-kors tal-eżekuzzjoni tal-appalt;

Illi da parte tiegħu l-attur proprio et nomine xtara għall-ħtiġijiet proprju tiegħu merkanzija fl-ammont ta' elfejn ħames mija u sitt Liri Maltin u tlieta u sebgħin ċenteżmi (Lm2,506.73) li skond l-imsemmi ftehim kellhom jiġu paċuti mill-ammont bilanċjali li jkun dovut;

Illi inoltre mill-prezz kontrattat iridu jitnaqqsu wkoll mitejn u ħamsa u tmenin Lira Maltin (Lm285) għal xogħlijiet li ma sarux;

Illi skond il-konteġġi għalhekk l-ammont bilanċjali nett dovut huwa sitt elef ħames mija u wieħed u sebgħin Lira Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmi (Lm6,571.53)

U illi l-konvenut nomine nonostante li ġie interpellat biex iħallas baqa' inadempjenti;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddeċiedi skond it-talba tal-attur proprio et nomine bid-dispens tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine iħallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' sitt elef, ħames mija u wieħed u sebgħin Lira Maltin, u tlieta u ħamsin ċenteżmi (Lm6,571.53) bilanċ ta' somma akbar, għal xogħlijiet fuq l-injam lilu kommissjonati kif fuq ingħad u minnu esegwiti;

Bl-interessi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ntavolut kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni u tal-protest ġudizzjarju tat-8 ta' Ottubru, 1994 kontra l-konvenut nomine inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur proprio et nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru, 1994 li permezz tiegħu s-soċjeta' kovnenuta ġiet awtorizzata tippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Saviour Vella nomine ippreżentata fis-6 ta' Diċembru, 1994 li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut nomine ħallas l-ammont kollu li kien obbligat iħallas.

2. Illi l-prezz pretis għal xogħol addizzjonali m'huwiex dovut stante illi, inter alia, parti minnu jinkludi wkoll il-

prezz ta’ xogħlijiet li kienu gia’ inklużi fil-prezz tal-kuntratt oriġinali datat 8 ta’ Awissu, 1993, parti minnu jinkludi prezz ta’ xogħol li ġie kkonsenjat lill-konvenut nomine *on consignment* u fi kwalunkwe każ il-prezz huwa eċċessiv.

3. Subordinatament, f’każ illi jirriżulta xi kreditu favur l-attur, għandha ssir tpaċija mal-penali dovut lill-konvenut nomine in vista ta’ dewmien fl-esekuzzjoni tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 6 tal-kuntratt datat 8 ta’ Awissu 1994, liema pretensjoni qed tiġi avanzata permezz ta’ talbiet rikonvenzjonali hawn annessi.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba ta’ l-istess konvenut nomine li permezz tagħha;

Illi jeżistu r-rekwiżiti kontemplati mill-Artikoli 396 *et seq* biex issir rikonvenzjoni mill-konvenut nomine u peress illi l-konvenut nomine fil-fatt jixtieq jinqeda b’dawn il-proċeduri sabiex jipproponi l-kontro-talba tiegħu;

Illi b’kuntratt datat 8 ta’ Awissu, 1993 il-konvenut nomine ikkommissjona lill-attur proprio et nomine biex jesegwixxi appalt konsistenti f’xogħlijiet ta’ injam kif hemm aħjar deskritt u veru l-prezz hemm pattwit;

Illi l-attur proprio et nomine naqas li jikkonsenja x-xogħol rikjest fiż-żmien pattwit, kif kien obbligat jagħmel ai termini tal-Artikolu 6 tal-kuntratt fuq ċitat;

Illi sal-ġurnata tal-lum l-attur proprio et nomine baqa’ ma kkommissjonax ix-xogħol u dan ġie ukoll taċitament ammess mill-attur bil-ħruġ ta’ *crediti note* fit-30 ta’ Lulju, 1994 li

tirrappreżenta xogħol li baqa' ma sarx;

Illi bħala riżultat ta' dan il-ksur kuntrattwali l-konvenut nomine sofra danni sostanzjali;

Illi l-artikolu 6 tal-kuntratt preċitat jistabbillixxi l-penali ta' ħamsin Lira Maltin (Lm50) għal kull ġurnata ta' dewmien fil-kompletazzjoni tax-xogħol;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tiddikjara li l-attur proprio et nomine naqas li jikkonsenja lill-konvenut nomine x-xogħol kollu ordnat mill-konvenut nomine kif kien obbligat jagħmel ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fit-8 ta' Awissu, 1993;

2. Tillikwida l-penali pattwita u cioe' ta' ħamsin Lira Maltin (Lm50) għal kull ġurnata ta' dewmien fil-kompletazzjoni tax-xogħol, previa li jiġi stabbilit minn din il-Qorti l-perjodu tad-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xogħol;

3. Tikkundanna lill-attur proprio et nomine iħallas lill-konvenut nomine is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut proprio et nomine li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' l-attur proprio et nomine għall-kontro-talba tal-konvenut nomine ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 1994 li permezz tagħha eċċepixxa;

Illi t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hi infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut nomine varja d-*designs* relattivi

għax-xogħlijiet minn kif oriġinarjament kontrattati u inoltre żied bosta xogħlijiet oħra, u dan apparti raġunijiet serji oħra.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur proprio et nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar, 1995 li permezz tiegħu ġie nominat l-AIC Miċhaelangelo Refalo bħala espert tekniku.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Diċembru, 1998 li permezz tiegħu l-Qorti nnominat lill-Periti Joseph Jaccarini, Albert Fenech u Rene' Buttiġieġ bħala periti addizzjonali.

Rat illi *nonostante* d-diversi verbali l-konvenut nomine naqas li jħallas id-drittijiet ta' l-istess periti addizjonali illi kienu nħatru fuq talba tiegħu u għalhekk din il-Qorti fil-verbal tat-18 ta' Frar, 2005 iddiferiet għall-ewwel darba l-kawża għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 u dawk preċedenti illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob ħlas mingħand dik konvenuta għal bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' injam illi parti minnu kellu jitħallas bħala import ta' kambjali illi kienu nħarġu mill-konvenut nomine favur l-attur nomine. L-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta huma li hija ħallset l-ammont mitlub, li l-prezz mitlub għal xogħol addizjonali ma hux dovut għaliex parti minnu jinkludi prezz ta' xogħol gia' inkluż fil-prezz tal-kuntratt u li f'kull każ il-prezz hu

eċċessiv, kif ukoll li hija kreditriċi tas-soċjeta’ attriċi għal dewmien fl-esekuzzjoni tax-

xogħol; fil-fatt ipproponiet kontro-talba f’dan is-sens.

Il-perit tekniku żamm tnax il-seduta u aċċess u wasal għall-konklużjonijet tiegħu a fol 100 tal-proċess. Naturalment minħabba l-importanza tagħhom il-Qorti se tiċċita l-konklużjonijiet tal-perit tekniku *verbatim*;

“*A rigward tat-talbiet attriċi hija l-opinjoni ta’ l-esponent illi:*

*1. A rigward ta’ l-ewwel talba din hija ta’ natura legali u li ma taqax taħt il-kompetenza ta’ l-esponent;*

*2. A rigward it-talba ta’ l-attur għas-somma ta’ sitt elef, ħames mija u wieħed u sebgħin Lira Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm6,571.53) u independentement minn konsiderazzjonijiet oħra, hija l-opinjoni ta’ l-eseponent illi l-valur tax-xogħlijiet addizzjonali esegwiti mill-attur u cioe’ erbat elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Lira Maltin u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm4,578.26) kif talab għalihom għandu jitnaqqas minnu l-ammont ta’ elf, mija u żewġ Liri Maltin (Lm1,102) kemm mill-aspett ta’ xogħlijiet li ma sarux mill-appalt oriġinali u kemm mill-aspett ta’ overpricing tax-xogħlijiet addizzjonali; u dwar il-kwistjoni tal-kambjali li ma ssarfux din ma hix fil-kompetenza ta’ l-esponent.*

*A rigward ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut hija l-opinjoni ta’ l-esponent illi:*

*1. Mill-provi ma rriżultax illi l-konvenut nomine ħallas l-ammont kollu li kien obbligat iħallas;*

*2. Gia’ l-esponent issottometta t-tnaqqis li għandu jsir mill-pretenzjoni ta’ l-attur għax-xogħlijiet addizzjonali u fil-kuntest ukoll ta’ xogħlijiet li ma sarux mill-appalt oriġinali;*

*3. Ukoll l-esponent issottometta l-provi kollha dwar il-*

*pretensjoni tal-konvenut għall-penali u kkonkluda li ebda penali ma hija applikabbli.*

*A rigward tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut hija l-opinjoni ta' l-esponent illi:*

*1. Gia' l-esponent irrelata fid-dettal li l-fatt li l-pergola ma ġietx ikkompletata ma kienx dovut għal xi nuqqas da parti ta' l-attur u l-attur effettwa kreditu favur il-konvenut għall-parti li baqgħet ma saritx u l-istess konvenut iddikjara hu stess li x-xogħlijiet kollha kienu ġew ikkompletati fit-13 ta' Novembru, 1993 bl-ittra tiegħu lill-attur tal-25 ta' Lulju, 1994. Inoltre hija l-opinjoni ukoll tal-esponent illi ġaladarba ma' l-appalt żdied ix-xogħol u/jew isiru alterazzjonijiet tax-xogħol appaltat mill-istess appaltatur, allura t-terminu stabbilit bil-ftehim oriġinali jiġi null u cioe' ma jibqax japplika; isegwi għalhekk li l-penali mhix applikabbli u jsegwi wkoll li l-attur proprio et nomine ma għandu jħallas xejn lill-konvenut nomine in linea ta' penali.*

*A rigward ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut hija l-opinjoni ta' l-esponent illi l-attur ipprova ampjament illi l-konvenut nomine varja d-disinji relattivi tax-xogħlijiet minn kif oriġinarjament ikkuntrattati u wkoll żied bosta xogħlijiet oħra u għalhekk il-penali pattwita mal-ftehim oriġinali ma baqgħetx iżjed applikabbli.*"

A bażi ta' dawn il-konklużjonijiet il-perit legali ikkonkludiet da parti tagħha li t-talba attriċi timmerita li tiġi akkolta fl-ammont pero' indikat minnu u cioe' nieqes mis-somma ta' elf, mija u żewġ Liri Maltin (Lm1,102) indikata u dik konvenuta fil-kontro-talba miċħuda. Il-Qorti taqbel ma' dan għaliex kif ġie ripetut diversi drabi l-konstatazzjonijiet u konklużjonijiet ta' perit tekniku ma għandhom qatt jitwarrbu mill-Qorti sakemm ma jirriżultawliex xi ċirkostanzi speċjali biex tagħmel dan – ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Margaret Ellul vs Dun Karm Busuttil u Albert Chetcuti vs Direttur ta' l-Agrikoltura,

deċiżi fit-13 ta' Novembru, 2006 fejn ġiet ċitata s-sentenza ta' l-1994 tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Bonnet vs Lewis.

Naturalment is-somma ta' elf, mija u żewġ Liri Maltin (Lm1,102) titnaqqas mill-ammont dovut għal xogħol addizzjonali billi fir-rigward tal-kambjali ma hemmx u lanqas jista' jkun hemm xi eċċezzjoni fir-rigward tal-mertu ta' l-ammont dovut. Billi l-perizja addizzjonali ntalbet mill-konvenut nomine li baqa' ma ħallasx id-drittijiet relattivi l-Qorti naturalment se takkolla dawn l-ispejjeż lilu.

**Għal dawn il-mottivi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta ħlief kif se jingħad u tilqa' t-talbiet attriċi billi tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta tħallas lil dik attriċi s-somma ħamest elef, erba' mija u disgħa u sittin Lira Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,469.53) bl-imgħaxijiet kif mitluba u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi fir-rigward tal-kontro-talba u tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta.**

**L-ispejjeż fir-rigward tat-talba attriċi jitħallsu kwantu għal wieħed minn sitta (1/6) mis-soċjeta' attriċi u l-kumplament mis-soċjeta' konvenuta. Dawk tal-kontro-talba u tal-perizja addizzjonali jitħallsu kollha mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------